## KONKORS LETTERARJU TEATRALI MNIEDI MILL-K.O.P.T.E.M.

(Kumitat Organizzatur Privat għat-Teatru Edukattiv Malti)

### I.—KONKORS LETTERARJU (għal bċejjeċ teatrali) :

(a) *Kondizzjonijiet* :—

1) Il-bċejjeċ jistgħu jkunu: Kummiedji, Kummiedji Soċjali jew Drammi, dejjem f'att wieħed, originali u ġdid.

2) Ta' tul biex jinħadmu ta' mhux inqas minn 30 u mhux aktar minn 45 minuta. Fl-esekuzzjoni tingħata latitudini ta' 5 minuti fuq il-maximum u/jew 5 oħra taħt il-minimum tal-ħin.

3) Iridu jinbagħtu erba' kopji ta' kull xogħol, ittajpjati u bla korrezzjonijiet bil-pinna.

4) Iridu jinbagħtu taħt psewdonimu (b'isem l-awtur issiġillat f'invilopp għalih) mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju li ġej.

5) Il-"copyright" tibqa' ta' l-awtur, iżda l-K.O.P.T.E.M. jirriserva d-dritt li jieħu "recording" ta' l-esekuzzjoni u, jekk jidhirlu, jagħtih fuq ir-Rediffusion;

(b) *Premjijiet* :—

1) L-Ewwel Premju: £15; it-Tieni Premju: £10; it-Tielet Premju: £5. Jingħataw sussidji fost dawk li ma jeħdux premju: sa £10. B'kollox £40.

(ċ) *Imħallfin* :—

Il-K.O.P.T.E.M. jagħżel "panel" ta' mhux iktar minn 12-il persuna magħrufa u l-konkorrenti jivvutaw għal tlieta minnhom biex isservu ta' mħallfin. Dan isir f'laqgħa tal-konkorrenti mal-K.O.P.T.E.M. u dawk it-3 mill-"panel" li jġibu l-akbar għadd ta' voti jkunu l-imħallfin.

(d) *Klassifikazzjoni tal-Bċejjeċ Teatrali* :—

L-imħallfin jagħtu l-punti separatament, bla ma jikkonsultaw lil xulxin fuq dawn il-merti: 1. Oriġinalità: 20 punt; 2. Letteratura: 20; 3. Valur Teatrali: 15; 4. Karatterizzar tal-Persunaġġi: 15; 5. Djalogar: 10; 6. Climax: 10; 7. Moralità Edukattiva: 10; b'total ta' 100 punt. Il-K.O.P.T.E.M. joħroġ l-"average" minn dawk tat-3 imħallfin u dawk il-punti li joħorġu jingħataw lix-xogħol ippreżentat, bħala riżultat finali.

### II.—KONKORS TEATRALI (għall-Kumpannijiet) :

(a) *Kondizzjonijiet* :—

1) Il-Konkors isir fin-"Knights Hall", il-Belt, quddiem il-pubbliku, mill-aħħar ġimgħa ta' Mejju 'l quddiem, minn kumpanniji li jridu jkunu ilhom iffurmati għallinqas mill-1 ta' Jannar, 1951.

2) Il-Kumpanniji jridu jersqu b'xogħol li ħa sehem fil-konkors letterarju ta' hawn fuq jew li hu ta' awtur Malti, oriġinali u qatt ma nħadem li jaqbel mal-kondizzjonijiet kollha ta' dak il-konkors.

3) Fis-16 ta' Mejju jitħabbru x-xogħlijiet li daħlu għall-Konkors Letterarju u l-Kumpanniji jkunu jistgħu jagħżlu minnhom. Iżda jistgħu jirreġistraw għall-Konkors Teatrali qabel.

4) Ebda Kumpannija ma tista' tidħol b'iżjed minn żewġ xogħlijiet: Kummiedja u/jew Dramm. Ebda attur ma jista' jieħu sehem darbtejn ma' l-istess Kumpannija.



(b) *Premjijiet* :—

L-Ewwel Premju: £25; it-Tieni Premju: £15; it-Tielet Premju: £10. Jingħataw sussidji fost dawk li ma jiħdux premju: sa £30. B'kollox £80.

(ċ) *Imħallfin* :—

Isir l-istess għal dan il-konkors bħall-Konkors Letterarju. Ara I (ċ) fuq.

(d) *Klassifikazzjoni tal-Kumpannijiet* :—

L-Imħallfin jagħtu l-punti separatament, bla ma jikkonsultaw lil xulxin, fuq dawn il-merti: 1. Dwal u effetti xeniċi: 15-il punt; 2. Messanxena u għamara: 15; 3. Trukkatura u Lbies: 15; 4. Dizzjoni u kontraxena: 15; 5. Interpretazzjonijiet tal-karattri: 10; 6. Memorja u studju: 10; 7. Addattazzjoni tal-Karattri: 10; 8. Assjem: 10; b'total massmu ta' 100 punt. Il-K.O.P.T.E.M. joħroġ l-average u jsir bħalma hemm f'I (d) fuq.

Il-K.O.P.T.E.M. jirriserva d-dritt li jiskarta fost dawk li jidħlu għaż-żewġ Konkorsi dawk ix-xogħlijiet li jidhirlu li ma jilħqux l-"istandard" letterarju jew teatrali. Id-deċiżjoni finali tal-K.O.P.T.E.M. fuq min jieħu l-premjijiet tkun inappellabbli.

Dħul għaż-żewġ Konkorsi għandu jinbagħat lis-Segretarju tal-K.O.P.T.E.M., G.P.O. Box No. 374, Il-Posta, il-Belt. Kull korrispondenza fuq il-Konkorsi għandha tinbagħat lill-President tal-K.O.P.T.E.M., 21, Cospicua Road, Cospicua.

Il-K.O.P.T.E.M. hu iffurmat hekk: *President*: Erin Serracino Inglott; *Segretarju*: Ivo Muscat-Azzopardi L.P.; *Membri*: Steno Bisazza, Nestu Laiviera u Carmel F. Izzo.

---

## LIR-RIVISTA TAGĦNA "IL-MALTI"

*(B'tifkira ta' l-ewwel 25 sena ta' ħajjitha)*

*Ta'* MARIO AGIUS

Kien għadu mkasbar wisq l-ilsien li rdajna
Ġo ħoġor ommna, wild ta' din il-Gżira,
U b'alfabet ħażin imwarrba u fqira:
Il-kitba tagħna kienet għal ta' wrajna.

Imbagħad il-"Għaqda tal-Kittieba" rajna
Titwaqqaf fost tfixkil bla sfat irsira
Ta' ħadd, ħlief tal-Lsien Malti b'ħeġġa kbira,
Biex taħtar alfabet minn dawk li ġmajna.

Għal dan il-"Għaqda" ħarġet ftit żmien wara
"Il-Malti" tagħha b'kitba wisq sabiħa,
B'alfabet ġdid u ortografija tajba:

B'kitba Maltija mżewqa wkoll u sħiħa
Illi minn ħadd ma tista' tiġi mgħajba
B'alfabet wieħed sew li l-poplu dara!...